

# Kurżitajiet dwar xi Kliem Malti

Guido Lanfranco



Fl-ilsien Malti hemm għadd ġmielu ta' kliem li ngħidu ta' spiss imma wisq naħseb li, l-aktar il-ġenerazzjoni żagħżugħa, ngħiduhom mingħajr ħsieb dwar l-isfond tagħhom. Hawn għażilt uħud minn kliem bħal dawn.

## Labra tal-inxir

Din kulħadd jaf xi tkun imma nibda biex ngħid li mhix labra. Labra tniggeż, imma din ma tniggiżx. Sa żmien l-ewwel gwerra dinjija 1914-1918 ħafna kienu dawk li jonxru fuq tul ta' rumnell jew ħabel irqiq, mhux fuq il-wajer. Minflok il-labar tal-inxir tal-molla li nafu issa kienu jużaw labar tar-ras twal xi ħames jew sitt ċentimetri u bihom kienu jehmżu d-drapp wara li jrikkbuh fuq il-ħabel. Dawn il-labar tar-ras kbar verament labar u kienu jgħidulhom labar tal-inxir. Meta ma baqgħux jintużaw aktar, minflokhom bdew jużaw bħal biċċa njama twila bejn 8 u 10 ċentimetri imxaqqa u mbexxqa minn tulha sa nofsha u din kienet titrikkeb fuq id-drapp minxur u żżommu f'postu. Ġieli kienu jagħmlu minnhom jixbħu l-għamla taċ-ċombini u, għalkemm xorta waħda kienu baqgħu isejħulhom labar tal-inxir, kien hemm ukoll bosta, l-aktar f'Għawdex li minflok labra tal-inxir kienu jgħidu ċombin. Ommi kienet tgħidli li l-labar tar-ras it-twal ġieli kienu jpoġġuhom fuq il-linja tal-ferrovija biex meta tgħaddi t-tren tgħaffiġhom b'mod li jsiru jidhru qishom mgħarfa u jilgħabu bihom fil-logħob tal-pupa.

## Musmar tal-qronfol

Dan la hu musmar u lanqas tal-qronfol. Dawk li nixtru biex inżiduhom mal-ikel u ħlewwiet għandhom għamla qisha musmar. Bil-Latin *clavus* huwa musmar, għalhekk bl-Ingliż ngħidu *cloves,* bil-Franċiż *clou* u bit-Taljan *chiodo.* Dawn l-hekk imsejħa msiemer huma blanzuni nixfin tal-fjuri ta' siġra tropikali li fil-botanika nafuha bħala *Syzygium aromaticum* u hija mir-razza tar-riħan li wkoll ifuħ. Il-kelma qronfol tidħol għax ir-riħa tfuħ tiegħu ixebbħuha ma' dik tal-qronfol.

## Qargħa

Hemm qawl Malti li jgħid: "Kemm hu iblaħ dak li 'l mara, qabel il-waqt, jikxfilha l-qargħa." Jew varjant ieħor: "Ħażin jagħmel dak ir-raġel li lill-mara, qabel iż-żwieġ juriha l-qargħa". Il-qargħa, hawn tfisser karus bil-flus, għax l-antiki f'Malta, kif insibu wkoll f'artijiet oħra, kienu jnixxfu l-qargħa twila mir-razza li tikber qisha flixkun meta tkun għadha fis-siġra, meta tinxef jaqtgħulha r-ras u jieħdu ż-żerriegħa li tkun baqgħet fiha. Meta jiżvujtawha tkun qisha flixkun tajjeb biex tista' terfa' xi ħaġa fih u tagħlqu b'xi tapp. Kien hemm min jaħbi l-flus fiha. F'xi pittura antika ġieli naraw xi ragħaj jew kampanjol b'qargħa ċkejkna għamla ta' flixkun imdendla maċ-ċinturin biex jista' jixrob minnha. Il-qawl ifisser li jekk raġel jikxef li għandu l-flus, il-mara tiżżewġu għalihom u mhux għall-imħabba.

## Kupuni

Ngħid is-sewwa li daż-żmien ftit jew xejn nisimgħu din il-kelma imma sa żmien it-tieni gwerra dinjija din kienet kelma komuni ħafna. Kultant kont tisma' xi mara tgħidlek li ġabet xi sett platti bil-kupuni. Ma' xi prodotti ta' ikel jew oħrajn kont issib bħal tikketti jew biljetti li jiġġemmgħu u, meta jkollok ċertu numru, tista' tmur tibdilhom ma' xi rigal. Din is-sistema għadha teżisti, imma l-kelma kupuni qajla għadha tintuża. Il-kelma kupuni konna għiduha ħafna meta nirreferu għall-istampi li kienu jinstabu mal-pakketti tas-sigarretti. Kienu jkunu stampi mill-isbaħ u mill-aktar interessanti li jiġġemmgħu biex tgħaqqad is-settijiet. Issa dawn is-*cigarette cards* saru jiswew ħafna għall-kollezzjonisti. Aħna fit-toroq jew fl-iskola konna npartu l-kupuni biex ngħaqqdu s-sett, bħalma issa jinxtraw stampi *stickers* li jiffurmaw settijiet tal-football, films u suġġetti oħra tal-mument. L-istampi tas-sigarretti dejjem kienu jgħidulhom kupuni għax fost id-ditti li jaħdmuhom, bħal ta' Scerri tal-Ħamrun, kienu javżaw li jekk iġġemma' ċertu numru ta' stampi tas-sigarretti minn tagħhom kont tista' tmur bihom il-Ħamrun u tagħżel rigal.

## Tal-aħħar ibaħħar

Nisimgħuha u ngħiduha kemm-il darba u tingħad lil min jew jasal jew imissu l-aħħar wieħed f'xi sitwazzjoni, imma ftit wisq jafu minn fejn ġejja din l-espressjoni. Tul l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin kien għad baqa' funerali li fihom kien jakkumpanja raġel li f'idejh kien iżomm bieqja. Din kien ikun fiha xi nċens jew ħxejjex jinħarqu ġamar li jerħu riħa tfuħ jew jerħu duħħan. It-tbaħħir huwa superstizzjoni mħallta mad-devozzjonijiet li fl-imgħoddi aktar minn issa, kien parti mir-ritwali fid-drawwiet u t-twemmin tal-Maltin. F'dawn il-funerali meta fihom kienu jġorru lill-mejjet lejn il-karru jew lejn iċ-ċimiterju tar-raħal, madwar it-tebut kien ikun hemm xi żewġ jew erba' rġiel (skont kemm lest tħallas!) bix-xemgħa tixgħel f'idhom, imma wara t-tebut kien ikun hemm dak li jbaħħar, u kien jimxi l-aħħar wieħed wara r-reffiegħa; għalhekk "tal-aħħar ibaħħar". Id-duħħan li jitla u jisfuma fix-xejn waqt it-tbaħħir, f'diversi kulturi madwar id-dinja jinħass bħallikieku kuntatt bejn l-art u d-dinja l-oħra.

## Gagazza

Hawn min jgħidlek li bena l-presepju mill-gagazza. Sas-snin erbgħin dan setà kien minnu, imma daż-żmien il-gagazza m'għadekx issibha. Hemm diversi individwi li baqagħlhom xi ftit mil-vera gagazza, imma daż-żmien hemm min juża l-kelma għal ħaġa oħra. Mela xi tkun din il-gagazza? Fl-aħħar nofs tas-seklu dsatax sar żvilupp ġenerali fl-industerija minħabba li bdew jintużaw magni jaħdmu bl-istim. Dawn il-magni kien ikollhom tank kbir bl-ilma li jitgħalla bin-nar tal-faħam u l-istim li jiġġenera jdawwar il-makkinarju li kont issibu fil-vapuri, fl-industrija u fil-ferrovija, sakemm daħal l-użu tal-elettriku. F'Malta kien hawn il-ferrovija u għadd ġmielu ta' laneċ u vapuri jaħdmu bl-istim. Malta kienet ukoll saret ċentru ta' kummerċ fil-faħam għalhekk kien ikun hawn kummerċ kbir bil-faħam madwar il-portijiet. Faħam użat u maħruq kien jieħu diversi għamliet u lwien u kienu jgħidulu gagazza, kelma ġejja mit-Taljan *cacazza* li f'sens ġenerali tfisser skart. Kien hawn min jibni l-presepju tiegħu mill-ġebel rustiku tax-xagħri, ġebel qawwi, kollu toqob u ħofor imma min kien isib il-gagazza kien jieħu minnha u jibnih biha biex ikollu dehra differenti. Dawk li għandhom gagazza vera huma ftit u jerfgħuha minn sena għall-oħra. Ħafna jibnu l-presepju bil-ġebel rustiku kollu toqob, ħofor u għamliet interessanti, imma dan mhux gagazza.

## Ġilbiena jew Ġulbiena

Hawn min jgħid ġurbiena jew ġirbiena, imma l-erre mgħandhiex tidħol fiha (għax inkella qisna qed nitkellmu fuq xi ħaġa ġejja min ġirba!). Din il-kelma ġejja minn iġelben jew ġelben li tfisser timla u tfawwar jew tintelaq. Il-kelma tapplika għal għadd ta' pjanti li jintelqu l-isfel waqt li jżidu l-weraq jew fjuri, imma mhux għal ħaxixa waħda biss imma għal għadd ġmielu. Ukoll nużaw il-kelma jġelben meta nirreferu għad-dmugħ li jimla, ifur u jintelaq mill-għajnejn jew ukoll għall-ilma li jfawwar. Pjanti li jintelqu u jġelbnu b'dan il-mod nużawhom fit-tiżjin tal-presepju u tas-Sepulkru għax dawn iż-żewġ festi t-tnejn jissimbolizzaw twelid, darba tat-tarbija Ġesù u oħra twelid mill-ġdid fl-Irxoxt. Ħxejjex bħal ġilbiena, qamħ, xgħir u oħrajn li jikbru u jintelqu (iġelbnu) meta jitwalu, kienu jużawhom ukoll il-pagani fir-ritwali tagħhom. Kienu jiżirgħuhom ħammiela żgħira qabel ir-rebbiegħa u, waqt li jarawhom jikbru malajr u jfawwru jew iġelbnu, kienu jinterpretawhom li qed ibassru suċċess fil-prodotti tar-raba'. U aħna bqajna nużawhom mingħajr l-iċken ħsieb dwar xi jfissru.

## Fuq il-monti

Sa mis-snin sebgħin u tmenin bdejna nitilfu t-tifsira tal-kelma monti. Il-Belt Valletta, fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, kien ġie stabbilit il-*Monte di Pietà* biex itaffi ftit mill-miżerja tal-poplu fqir. Min ma kellux flus għall-bżonnijiet importanti kien jista' jieħu hemm xi oġġetti li jiswew xi ħaġa, bħal deheb, fidda u wkoll oġġetti li ma jiswewx daqstant u jirahnhom, jiġifieri jiddepożithom hemm u jingħata l-valur tagħhom b'self biex meta jrodd il-flus jieħu lura l-oġġeti mirahna. Dan il-*Monte di Pietà* kien fi Triq Merkanti u għadu hemm il-bini fejn kien. Napuljun kien ġabar ir-rikkezzi li sab fil-knejjes, fratellanzi u oħrajn biex jagħmilhom flus għat-truppi tiegħu; magħhom ħa wkoll dak li sab utli fil-*Monte di Pietà*. Dik il-parti ta' Triq Mekanti, sa ftit ilu, dejjem konna nafuha bħala "Fuq il-Monti" u, quddiem il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, konna ngħidulu dejjem "Fuq San Ġwann" filwaqt li ħdejn il-ġnien ta' Ħastings, fejn darba kien hemm żewġ imtieħen tar-riħ kien magħruf bħala "Fuq l-Imtieħen". Fil-Ħdud u l-festi, bħalma kien jiġri (u għadu sa llum f'diversi postijiet), fil-bliet u l-irħula dejjem kienu jarmaw is-suq qrib il-knisja prinċipali b'kull ma tista' timmaġina għall-bejgħ u, jekk nixtru xi ħaġa mis-suq tal-Belt, konna ngħidu li xtrajniha "minn Fuq il-Monti" għax minn ħdejn il-*Monte di Pietà* jew "Minn Fuq San Ġwann" biex niddistingwu mis-suq l-ieħor tal-Belt li kien wara l-palazz. Sfortunatament, dawn l-aħħar ftit snin, inkuraġġiti wkoll mill-użu ħażin tal-ilsien Malti minn gazzetti u mezzi oħra tax-xandir, minflok il-kelma suq qed nisimgħu wisq ta' spiss "Il-monti tal-Birgu", "il-monti ta' Marsaxlokk", "Il-monti ta' Birkirkara" u l-kumplament. Dawn m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-*Monte di Pietà*. Dawn kollha kemm huma għandhom jibqgħu jissejħu SUQ, li hi il-kelma Maltija sa minn żmien żemżem; għaliex qed niskartawha u nużaw oħra li hi gidba?

## Liedna

Meta kienu jarmaw għall-festi tul l-ewwel kwart tas-seklu għoxrin, kien għad hemm it-tiżjin bil-liedna. Il-liedna hija siġra li m'għandhiex zokk oħxon li jiflaħha, għalhekk tikber u tinfexx f'ħafna friegħi rqaq li, għalkemm ma jistgħux jieqfu, jaqbdu u jixxabbtu mal-ħitan u siġar oħrajn permezz ta' għeruq qosra matulhom. Narawhom jikbru mal-ħitan għoljin tal-palazzi, swar u bini ieħor antik, kollha weraq ħodor ileqqu. Billi z-zkuk huma twal ħafna, dawk tal-armar kienu jieħdu karrettun u jmorru fejn tikber il-liedna l-aktar qribhom u jaqtgħu l-itwal friegħi biex jeħduhom għat-tiżjin. Meta jarmawhom imdendlin kienu jqabbduhom bl-ispag jew, aktar tard, bil-biċċiet tal-passaperla ma' rumnell jew ħabel irqiq twil biex ma jinqatgħux.



Imma biż-żmien, minflok il-frieghi tal-liedna bdew jixtru l-karti tat-tajr ħodor, karti rqaq ħafna u rħas li bihom konna nagħmlu t-tajra (jew ħamiema, manuċċa, eċċ.), iqattgħuhom biċċiet qishom biljetti ta' xi ħames pulzieri biex jinsġuhom u jorbtuhom, waħda wara l-oħra matul spaga ħoxna sakemm joħolqu tul ta' ħafna piedi li beda jieħu post il-liedna naturali. Biż-żmien bdew iżewqu l-ilwien u aktar qribna bdew jużaw il-plastik kulurit li hu aktar irħis u jiflaħ aktar mill-karti. Madankollu ngħidu li l-antiki bdew bil-liedna, ta' warajhom bidluha ma' karti u issa plastik, imma xorta għadhom jgħidulha liedna!

## Wi! Wi! Wi!

Din l-epressjoni jew aħjar, esklamazzjoni, almenu safejn nista' ngħid jien, m'għadnix nismagħha aktar. Sas-snin erbgħin u minn xi anzjani sa ftit żmien wara, kienet għadha tinstama'. Meta jien kont żgħir ta' xi erba' snin fil-bidu tas-snin tletin kont bdejt nibki għax ommi kienet waħħlitli xi daqqa u fil-kamra kien hemm żewġ zijiet nisa li, minflok ikkunslawni, bdew jidħqu u flimkien jgħajtu: "Wi!, Wi!, Wi!. . . ara qala' xebgħa . . . Wi!, Wi!, Wi!" filwaqt li bdew jagħtu bil-ponn tal-lemin fuq dak tax-xellug u jirrepetu dik l-espressjoni għal xi tliet darbiet. Għadni niftakarha sa llum għax hadtha bi kbira u issa nżid ngħid inġusta. Dik il- Wi! Wi! Wi! Kienet ukoll tingħad bħala parti minn taqbiliet, bħal fil-karnival meta kienu jgħidu (skont kif kiteb Anġelo Dougall f'*l-Imnara* 1995):

"Wi! Wi! Karnival!, Nagħtuha għax-xalar!;

"Wi!, Wi! Karnival!, Niddevertu kbar u zgħar!… Wi! Wi! Wi!"

Minn kif hi msawra din l-esklamazzjoni tidher ekwivalenti għal "Yeah!, Yeah!, Yeah!" li, mis-snin ħamsin l-hawn bdiet tidħol fil-kant modern fejn ma jistgħux isibu kliem x'jgħidu!

## Baqra tal-presepju

Fiż-żmien tal-Milied drajna naraw fil-grotta fost il-pasturi, il-figuri prinċipali tal-Bambin, il-Madonna, San Ġużepp, akkumpanjati mill-baqra u l-ħmar. Ukoll jekk minflok il-presepju sħiħ ikun hemm il-grotta waħedha, dejjem nistennew li jkun hemm dawn il-figuri prinċipali. Tant drajnihom li rari naħsbu aktar dwarhom. Imma mingħajr ma nidħlu fis-simboliżmi tagħhom irrid ngħid mill-ewwel li dawn iż-żewġ bhejjem, f'artijiet oħra fejn jarmaw il-presepju, huma il-ħmar u l-gendus u mhux il-baqra. L-Ingliżi dejjem idaħħlu l-*Ox*, it-Taljani il-*bue* u l-Franċiżi il-*boeuf*. Imma l-Maltin daħħluha f'moħħhom li għandu jkun baqra! L-Ewropa kollha għandhom il-barri, aħna irridu l-baqra. Sadanittant, meta nixtru pasturi maħdumin fi Spanja u fl-Italja dejjem ikun deskritt bħala barri imma l-Maltin xorta jgħidulek li xtraw il-baqra. Ħadd ma jaf għaliex.